32004D0364

L 114/22 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 21.4.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' April 2004

dwar miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' l-influwenza patoġenika ħafna ta' l-għasafar fil-Kanada

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 1311)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/364/KE)

IL-KUMMISSJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi prinċipji li jiggvernaw l-organizzazzjoni ta' verifiki veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li jemendaw id-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], u partikolarment l-Artikolu 18(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KEE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq il-prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [2], u partikolarment l-Artikolu 22(1) u (6) tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza tal-għasafar hija marda virali kontaġġuża ħafna fit-tjur u l-għasafar, li malajr tista' tikseb proporzjonijiet epiżootiċi li x'aktarx jistgħu jheddu serjament lis-saħħa ta' l-annimali u tal-pubbliku u biex jitnaqqas ħafna l-qligħ mit-tobbija tat-tjur.

(2) Hemm riskju li l-aġent tal-marda jista' jiddaħħal permezz tal-kummerċ internazzjonali fit-tjur ħajjin u fil-prodotti tat-tjur.

(3) Fid-9 ta' Marzu 2004 il-Kanada kkonfermat l-ewwel każ ta' l-influwenza patoġenika ħafna ta' l-għasafar f'qatgħa tjur fil-provinċja tal-British Columbia (Fraser Valley).

(4) It-tip ta' virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar huwa tas-subtip H7N3 u għalhekk huwa differenti mit-tip li bħalissa qed jikkawża epidemija fl-Asja. L-għarfien preżenti jissuġġerixxi li r-riskju għas-saħħa pubblika fir-rigward ta' dan is-subtip huwa inferjuri għar-riskju tat-tip li qed jiċċirkola fl-Asja, li huwa virus tas-subtip H5N1.

(5) Iżda, minħabba r-riskju għas-saħħa ta' l-annimali ta' l-introduzzjoni tal-marda ġewwa l-Komunità, importazzjonijiet ta' tjur ħaj, għasafar li ma jistgħux itiru (*ratities*) għasafar tal-kaċċa mrobbija jew slavaġġ u bajd għat-tifqis ta' dawn l-ispeċi u ta' laħam frisk tat-tjur, għasafar li ma jistgħux itiru, għasafar tal-kaċċa imrobbija jew slavaġġ, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn, jew ikollhom laħam ta' dawk l-ispeċi, miksuba minn għasafar maqtula wara s-17 ta' Frar 2004, u importazzjonijiet ta' bajd għall-konsum tal-bniedem, kienu sospiżi mill-Kanada mill-11 ta' Marzu 2004 bis-saħħa tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/242/KE [3].

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/984/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1994 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet ta' saħħet l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur minn ċerti terzi pajjiżi [4], Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/482/KE tat-12 ta' Lulju 1996 li tippreskrivi kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni ta' tjur u bajd tat-tjur għat-tifqis li ma jkunux ta' għasafar li ma jtirux u l-bajd tagħhom minn terzi pajjiżi, inklużi miżuri dwar is-saħħa ta' l-annimali li għandhom jgħoddu wara din l-importazzjoni [5], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/85/KE li tagħmel lista minn fejn l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta' laħam il-fenek u laħam ta' ċerti annimali tal-kaċċa slavaġġ jew imrobbija u li tippreskrivi il-kondizzjonijiet ta' saħħet l-annimali u l-pubbliku u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għal dawn l-importazzjonijiet [6], id-Deċiżjoni tal-Kummisjsoni 2000/609/KE tad-29 ta' Settembru li tippreskrivi l-kondizzjonijiet ta'saħħet l-annimali u l-pubbliku u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tal-laħam ta' għasafar li ma jtirux ħajjin imrobbija [7] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/751/KE tas-16 ta' Ottubru li tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet ta' għasafar li ma jtirux ħajjin u l-bajd għat-tifsiq tagħhom minn pajjiżi terzi, inkluż miżuri dwar saħħet l-annimali li għandhom ikunu applikati wara din l-importazzjoni, li jemendaw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/233/KE li tagħmel lista minn fejn l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta' tjur ħajjin u l-bajd għat-tifqis u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/659/KE fuq miżuri protettivi fir-rigward tad-deni emorraġiku tal-Crimean Congo [8] rispettivament, jeħtieġu li l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, qabel ma jibgħatu tjur ħajjin u bajd għat-tifsiq, għasafar li ma jtirux ħajjin u bajd għat-tifsiq u laħam frisk tat-tjur, għasafar li ma jtirux, għasafar tal-kaċċa mrobbija u slavaġġ jiċċertifikaw li l-Kanada hija ħielsa mill-influwenza ta' l-għasafar. L-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada kellhom għalhekk jissospendu ċ-ċertifikazzjoni kollha wara li faqqgħet dik il-marda.

---

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.91, p. 56. Direttiva kif emendata permezz tad-Direttiva 96/43/KE (ĠU L 162, ta' l-1.7.96, p. 1).

[2] ĠU L 24, tal-31.1.1998, p. 9.

[3] ĠU L 74, tat-12.3.4, p. 21.

[4] ĠU L 378, tal-31.12.94, p. 11. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2004/118/KE (ĠU L 36, tas-7.2.4, p. 34).

[5] ĠU L 196, tas-7.8.96, p. 13. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/118/KE.

[6] ĠU L 251, tas-6.10.2000, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2004/245/KE (ĠU L 77, tat-13.3.4, p. 62).

[7] ĠU L 258, tat-12.10.00, p. 49. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/118/KE.

[8] ĠU L 281, tal-25.10.1, p. 24. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/118/KE.

(7) Iċ-ċertifikati għall-prodotti tal-laħam u għall-preparazzjonijiet tal-laħam li jikkonsistu minn jew ikollhom laħam tat-tjur huma preskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/221/KE tat-28 ta' Frar 1997 li tippreskrivi kondizzjonijiet fuq saħħet l-annimali u ċertifikati mudell veterinarji fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 91/449/KEE [1] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/572/KE tat-8 ta' Settembru 2000 li tippreskrivi ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet ta' preparazzjonijiet tal-laħam minn pajjiżi terzi u li tħassar id-Deċiżjoni 97/29/KE [2] u tagħmel referenza għall-ħtiiet ta' saħħet l-annimali preskritti fid-Deċiżjoni 94/984/KE għal-laħam tat-tjur.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE(13), tippreskrivi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam [3]. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/245/KE, u tistabbilixxi reġimi ta' trattament biex jipprevjenu r-riskju tat-trasmissjoni tal-mard permezz ta' dawn il-prodotti. It-trattament li għandu jkun applikat għall-prodott jiddipendi fuq l-istatus tas-saħħa tal-pajjiż ta' l-oriġini, fir-rigward ta' l-ispeċi li minnhom jinkiseb il-laħam; biex ikun evitat xkiel żejjed fuq il-kummerċ, importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam tat-tajr li joriġinaw fil-Kanada trattati b'temperatura ta' mill-anqas 70ú Ċelsjus fil-prodott kollu għandu jkompli jkun awtorizzat.

(9) Miżuri ta' kontroll sanitarji applikabbli għall-materja prima għall-manifattura ta' għalf ta' l-annimali u prodotti farmaċewtiċi jew tekniċi jippermettu l-esklużjoni mill-iskop ta' din id-Deċiżjoni ta' importazzjonijiet kanalizzati ta' dawn il-prodotti.

(10) Il-Kanada ffirmat Ftehim mal-Komunità Ewropea fuq miżuri sanitarji biex jipproteġu saħħet il-pubbliku u l-annimali fil-kummerċ ta' l-annimali ħajjin u tal-prodotti ta' l-annimali [4].

(11) Il-Kanada ikkomunikat informazzjoni ulterjuri fuq issitwazzjoni epidemjoloġika u l-miżuri ta' kontroll meħuda biex titrażżan il-marda, biex tinkiseb l-implimentazzjoni mill-Komunità ta' miżuri ta' reġjonalizzazzjoni skond id-dispożizzjonijiet fil-Ftehim Veterinarju; fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-miżuri tal-Komunità jistgħu jitnaqqsu għal żona ġewwa l-provinċja tal-British Columbia biss.

(12) Id-Deċiżjoni 2004/242/KE għandha titħassar.

(13) Il-miżuri li hemm provediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw biss l-importazzjoni mill-Kanada ta' tjur ħaj u bajd għat-tifqis tagħhom, għasafar li ma jtirux ħajjin u bajd għat-tifqis tagħhom, laħam frisk tat-tjur, għasafar li ma jtirux, għasafar tal-kaċċa mrobbija u slavaġġ, prodotti tal-laħam u preparazzjonijiet tal-laħam li jikkonsistu minn jew ikollhom laħam ta' kull speċi minn dawn u tal-bajd għall-konsum uman, jekk joriġinaw fi, jew jiġu minn, ir-reġjun tal-Kanada ta' l-Amerika kif mfisser fl-Anness.

2. Għandhom ikunu projbiti importazzjonijiet ta' prodotti msemmija fil-paragrafu 1 li joriġinaw fi, jew jiġu minn, partijiet oħra tal-Kanada.

L-Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 1(2), l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' dan li ġej:

(a) prodotti tal-laħam, li jikkonsistu minn, jew ikollhom laħam tat-tjur, għasafar li ma jtirux, għasafar tal-kaċċa mrobbija jew slavaġġ, meta l-laħam ta' wieħed minn dawn l-ispeċi ikun għadda minn trattamenti speċifiċi msemmija taħt il-punti B, Ċ jew D fil-Parti IV ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 97/222/KE;

(b) laħam frisk tat-tjur, għasafar li ma jtirux u għasafar tal-kaċċa mrobbija jew slavaġġ, prodotti tal-laħam u preparazzjonijiet tal-laħam li jikkonsistu minn jew ikollhom laħam ta' dawn l-ispeċi, iżda dak il-laħam ikun inkiseb minn għasafar maqtula qabel l-17 ta' Jannar 2004.

L-Artikolu 3

1. Fiċ-ċertifikati veterinarji li jakkumpanjaw il-konsenji tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2, preskritti fi:

(a) Deċiżjoni 94/984/KE, għal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Kanada;

(b) Deċiżjoni 96/482/KE, għal-laħam tat-tjur frisk li joriġina fil-Kanada;

(ċ) Deċiżjoni 97/221/KE, għall-prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn jew ikollhom laħam tat-tjur, għasarfar li ma jtirux u għasafar tal-kaċċa mrobbija jew slavaġġ li joriġinaw fil-Kanada;

(d) Deċiżjoni 2000/572/KE, għall-preparazzjonijiet tal-laħam li jikkonsistu minn jew ikollhom laħam tat-tjur, għasafar li ma jtirux u għasafar tal-kaċċa mrobbija jew slavaġġ li joriġinaw fil-Kanada;

[1] ĠU L 89, ta' l-4.4.97, p. 32.
[2] ĠU L 240, tat-23.9.00, p. 19. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2004/212/KE (ĠU L 73, tal-11.3.2004, p. 11).
[3] ĠU L 98, ta' l-4.4.97, p. 39.
[4] Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/201/KE ta' l-14 ta' Diċembru 1998 ippubblikata fil-ĠU L 71, tat-18.3.1999, p. 1).

(e) Deċiżjoni 2000/585/KE, għal-laħam frisk ta' l-għasafar tal-kaċċa mrobbija jew slavaġġ li joriġina fil-Kanada;

(f) Deċiżjoni 2000/609/KE, għal-laħam tal-għasafar li ma jtirux li joriġinaw mill-Kanada;

(g) Deċiżjoni 2001/751/KE, għal-laħam tal-għasafar li ma jtirux li joriġinaw fil-Kanada;

il-kliem li ġej kif xieraq għall-ispeċi u l-prodotti kkonċernati għandhom ikunu mdaħħla rispettivament:

(a) "Laħam frisk tat-tjur skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/364/KE";

(b) "Tjur ħaj jew bajd għat-tifsiq skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/364/KE";

(ċ) "Prodotti tal-laħam skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/364/KE";

(d) "Preparazzjoni tal-laħam skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/364/KE";

(e) "Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa mrobbija/slavaġġ (ħassar kif xieraq) skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/364/KE";

(f) "Laħam frisk tal-għasafar li ma jtirux skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/364/KE";

(g) "Għasafar li ma jtirux ħajjin jew bajd għat-tifsiq skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/364/KE";

2. Stati Membri għandhom jivverifikaw li dawk iċ-ċertifikati dwar saħħet l-annimali jiċċertifikaw il-ħelsien mill-influwenza ta' l-għasafar billi jiddaħħal il-kodiċi reġonali "CA-1".

L-Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-importazzjonijiet biex jagħmluhom konformi ma' din id-Deċiżjoni. Għandhom jagħtu pubblikità xierqa minufih għall-miżuri adottati.

Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni bihom.

L-Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ta' l-influwenza ta' l-għasafar fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

L-Artikolu 6

Id-Deċiżjoni 2004/242/KE hija mħassra.

L-Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sa l-1 ta' Ottubru 2004.

L-Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' April ta' l-2004.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

CA-1:

It-territorju tal-Kanada bl-eċċezzjoni taż-żona fil-provinċja tal-British Columbia definita b'li ġej:

Fil-punent:	il-Georgia Strait
F'nofs-in-nhar:	il-fruntiera ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika
Fit-tramuntana:	in- North Shore Mountain Range tax-xmara Fraser
Fil-lvant:	linja li tgħaddi mit-tramuntana għan-nofs-in-nhar tal-Hunter Creek Weigh Scale tal-Provinċja tal-British Columbia